MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2006

Numru 277/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**vs**

**Abdulsalam Salem Ben Hamed ta’ 31 sena, iben Salem u Saida nee Fujani, imwieled Libja fis-6/01/1973, u joqghod 52, Triq Manuel Vitale, Rabat, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 20548A**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Abdulsalam Salem Ben Hamed li gie akkuzat talli fl-10 ta’ Jannar, 2004 u/jew fil-jiem ta’ qabel, minn gewwa St Rocco & St

Anthony Garage, maghruf bhala Silverstar Garage,fi Triq il-Kultellazz, Mosta kkommetta serq ta' ghodod ghad-dannu ta' Rennie Zammit u/jew ohrajn, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (Artiklu 267 tal-Kapitlu 9) u bil-persuna (Artiklu 268 (d) tal-Kapitlu 9).

Rat li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-istess akkuza.

Rat l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali u cioe:

261(c)(d), 267, 268, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li hu ta l-kunsens tighu ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Semghet id-derubat Rennie Zammit ghal diversi drabi jixhed u li fl-ahhar seduta xehed li fuq l-ghodda misruqa mighandu, kif ammess mill-istess imputat fl-ahhar stqarrija tieghu u li kienet ghadha ma gietx ritornata lilu, hu kien lest jaccetta a saldu s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm 100).

Ghaldaqstant fuq ammissjoni ssibu hati tar-reati taht l-artikoli 261(c)(d), 267, 268, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena rat il-fedina penali tieghu li hija ghal kollox netta.

Ikkonsidrat ukoll li matul il-mori ta' din il-kawza Zammit kien gie restitwit parti mir-res furtiva u anke flus prezz ta' l-oggetti misruqa.

Illi jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet illi l-bilanc rimanenti li Zammit ghandu jircevi minghand l-akkuzat hija ta' mitt lira Maltin (Lm 100).

Ghaldaqstant qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn habs sospizi ghal erba' snin u dan wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9. Rat ukoll l-artikolu 28H u

qeghda taghmel ordni ta’ restituzzjoni b’dan illi l-akkuzat ghandu fi zmien sitt xhur mil-llum ihallas lil Nazzareno sive Rennie Zammit ta’ Landfall Flats, Ponsomby Street, Mosta s-somma ta’ mitt lira Maltija (Lm 100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------